**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

## Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehem mis-Smigħ

**Riżorsi:**
**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • ser tinqralhom l-istorja ***"Waħdi d-Dar".***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzoni waqt dan il-qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqraw il-mistoqsijet mogħtija waqt li l-għalliem/a j/taqrahomlhom għal darba. | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet u jisimgħu t-tieni qari tat-test.<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **(3 minuti)** |

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) | Karta ta' l-għalliem/a |
|---|---|---|

# Waħdi d-Dar

1. Jiena Josef. Din l-istorja ġratli xi snin ilu.

2. Jiena ngħix mal-familja tiegħi f'dar kbira u antika f'nofs ir-raħal.

3. Lejla waħda kif beda jidlam bqajt waħdi d-dar għax ommi u missieri marru jixtru mis-suq. Jiena bqajt waħdi fil-kantina fejn bħas-soltu kont noqgħod nistudja. Kien żmien l-eżamijiet.

4. Kif kont f'dak il-kwiet smajt xi passi għaddejjin fis-sular ta' fuqi. Ġismi qamli xewk xewk. Inkwitajt u bdejt nibża' ukoll. "Tgħid daħal xi ħalliel!" għedt bejni u bejn ruħi. "X'ser naqbad nagħmel?"

5. Aħna dejjem inħallu t-twieqi miftuħin għall-frisk. Mhux diffiċli li xi ħadd jaqbeż ġewwa. Fis-sular t'isfel it-twieqi qegħdin fil-baxx. Għalhekk jista' jidħol xi ħadd bla tbatija.

6. Ftakart li kelli pistola fil-kexxun ta' l-iskrivanija. Kienet tispara l-ilma. Kienet donnha waħda ta' veru. Qbadtha u bdejt tiela' 'l fuq.

7. Bdejt ngħajjat, "Ġino, oħroġ il-klieb. Sar il-ħin." Ġino kien l-isem li vvintajt dak il-ħin. Ridt nagħti l-idea li ma kontx waħdi fid-dar. Fuq kollox, klieb ma kellniex.

8. Tlajt it-taraġ fuq ponot subgħajja. Xgħelt id-dawl f'kull kamra. Ma rajt lil ħadd. Indunajt li min daħal reġa' ħareġ 'il barra mill-istess post.

9. Ittawwalt mit-tieqa tas-salott. Rajt torċ jixgħel fl-art taħt it-tieqa. Mela ma ħsibtx ħażin!

10. Sa fl-aħħar ġieni l-ħsieb li nċempel lill-ġenituri. "Naqbadhom żgur għax għandhom il-mowbajl," għedt f'qalbi. Imma tant kont inkwitat u mbeżża' li bdejt inħawwad fin-numri.

| |
|---|
| **Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.**<br>**Oqgħod attent/a l-ħin kollu.**<br>**Ara li tkun weġibt sewwa.** |

**Agħżel l-aħjar tweġiba u aqta' sing taħtha.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Fejn tinsab id-dar ta' Josef? | 'il bogħod mir-raħal<br>qrib ir-raħal<br>fiċ-ċentru tar-raħal<br>f'tarf ir-raħal |
| 2. | Meta seħħet din il-ġrajja? | meta beda jisbaħ<br>meta beda jidlam<br>meta beda jberraq<br>meta beda jiksaħ |
| 3. | Min kien ma' Josef fid-dar? | ommu<br>il-klieb<br>Ġino<br>ħadd |
| 4. | Għaliex Josef baqa' waħdu? | biex jagħmel l-għassa<br>biex jistudja<br>biex jaqbad il-ħalliel<br>biex joqgħod jitlob |
| 5. | X'ħaseb Josef? | li daħal xi ħalliel<br>li daħal il-ħares<br>li daħal xi kelb<br>li daħal missieru |
| 6. | Għaliex iħallu t-twieqi miftuħin? | biex joħroġ id-duħħan<br>biex id-dar tiffriska<br>biex jaraw sewwa<br>biex joħorġu barra |
| 7. | Għaliex taħseb li xi ħadd xegħel torċ? | għax il-ħalliel ma jarax<br>biex il-ħalliel jara fid-dlam<br>biex Josef jagħmel sinjal<br>biex Ġino jara l-klieb |

8. Xi kwalità ta' pistola kellu Josef?

- pistola ta' veru
- pistola tal-logħob
- pistola tal-ġenn
- pistola awtomatika

9. Għaliex Josef għajjat l-isem ta' Ġino?

- biex igerrex lill-ħallelin
- biex iġelled lil Ġino
- biex Ġino jispara
- biex Ġino jitma' l-klieb

10. Sib is-sentenza li turik kif Josef tela' t-taraġ. Aqta' sing taħtha.

Josef tela' t-taraġ tnejn tnejn.
Josef tela' t-taraġ b'nifsu maqtugħ.
Josef tela' t-taraġ inkiss inkiss.
Josef tela' t-tarag b'għajnejh magħluqin.

11. Agħżel l-aħjar sentenza li taqbel mal-ġrajja. Aqta' sing taħtha.

Il-ħalliel daħal u ħareġ mit-taraġ ta' fuq.
Il-ħalliel daħal u ħareġ mill-bieb ta' barra.
Il-ħalliel daħal u ħareġ mill-kantina tad-dar.
Il-ħalliel daħal u ħareġ mit-tieqa tas-salott.

12. Josef ma qabadx mal-ġenituri meta beda jċempel

għax il-mowbajl kellu l-ħsara.
għax il-mowbajl tal-ġenituri kien mitfi.
għax beda jgerfex in-numri.
għax il-ġenituri kienu 'l bogħod.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

**Isem u Kunjom: ______________________________________**

**Klassi: __________________________**

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)
Total: 15-il marka

**Taħriġ il-Fehem mis-Smigħ**

# Waħdi d-Dar

**Agħżel l-aħjar tweġiba u aqta' sing taħtha.**

| | | |
|---|---|---|
| 2. | Fejn tinsab id-dar ta' Josef? | 'il bogħod mir-raħal |
| | | qrib ir-raħal |
| | | fiċ-ċentru tar-raħal |
| | | f'tarf ir-raħal |
| 2. | Meta seħħet din il-ġrajja? | meta beda jisbaħ |
| | | meta beda jidlam |
| | | meta beda jberraq |
| | | meta beda jiksaħ |
| 3. | Min kien ma' Josef fid-dar? | ommu |
| | | il-klieb |
| | | Ġino |
| | | ħadd |
| 4. | Għaliex Josef baqa' waħdu? | biex jagħmel l-għassa |
| | | biex jistudja |
| | | biex jaqbad il-ħalliel |
| | | biex joqgħod jitlob |
| 5. | X'ħaseb Josef? | li daħal xi ħalliel |
| | | li daħal il-ħares |
| | | li daħal xi kelb |
| | | li daħal missieru |
| 6. | Għaliex iħallu t-twieqi miftuħin? | biex joħroġ id-duħħan |
| | | biex id-dar tiffriska |
| | | biex jaraw sewwa |
| | | biex joħorġu barra |
| 7. | Għaliex taħseb li xi ħadd xegħel torċ? | għax il-ħalliel ma jarax |
| | | biex il-ħalliel jara fid-dlam |
| | | biex Josef jagħmel sinjal |
| | | biex Ġino jara l-klieb |

8. Xi kwalità ta' pistola kellu Josef?

pistola ta' veru
pistola tal-logħob
pistola tal-ġenn
pistola awtomatika

9. Għaliex Josef għajjat l-isem ta' Ġino?

biex igerrex lill-ħallelin
biex iġelled lil Ġino
biex Ġino jispara
biex Ġino jitma' l-klieb

10. Sib is-sentenza li turik kif Josef tela' t-taraġ. Aqta' sing taħtha.

Josef tela' t-taraġ tnejn tnejn.
Josef tela' t-taraġ b'nifsu maqtugħ.
Josef tela' t-taraġ inkiss inkiss.
Josef tela' t-tarag b'għajnejh magħluqin.

11. Agħżel l-aħjar sentenza li taqbel mal-ġrajja. Aqta' sing taħtha.

Il-ħalliel daħal u ħareġ mit-taraġ ta' fuq.
Il-ħalliel daħal u ħareġ mill-bieb ta' barra.
Il-ħalliel daħal u ħareġ mill-kantina tad-dar.
Il-ħalliel daħal u ħareġ mit-tieqa tas-salott.

12. Josef ma qabadx mal-ġenituri meta beda jċempel

għax il-mowbajl kellu l-ħsara.
għax il-mowbajl tal-ġenituri kien mitfi.
għax beda jgerfex in-numri.
għax il-ġenituri kienu 'l bogħod.

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

Isem ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI ☐

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



***Aqra sew din is-silta.***

## ***Il-Ħadd Wara Nofsinhar***

Nhar ta' Ħadd wara nofsinhar immur noqgħod fil-ġnien tad-dar tagħna. Noqgħod fuq bank nistrieħ. Uliedi jżuru lin-nanna tagħhom. Ir-raġel joħroġ ukoll. Jiena nqatta' l-ħin nifli l-gazzetti. Kemm nistrieħ wara ġimgħa xogħol fid-dar! (*par. 1)*

Bħas-soltu, ilbieraħ qgħadt fil-ġnien bit-tama li noqgħod ftit fil-kwiet. Iżda fid-daqqa u l-ħin smajt karozza tieqaf f'tarf il-ġnien. Qalbi għamlet tikk. F'kemm trodd salib xi ħadd ħabbat mal-bieb tad-dar. (*par. 2*)



Jien għajjatt, "Min hemm?" Ftaħt il-bieb bla ħsieb ta' xejn. Quddiemi sibt tliet nisa anzjani. Kienu kollha libsin pulit għal xi okkażjoni. Dehru fuq tagħhom u minn tagħna. *(par.3)*

"Aħfrilna!" qalet waħda minnhom. "Nittama li ma wasalniex tard!" Anzjana oħra qabżet u qalet, "Ma stajniex insibu l-post. Id-djar kollha jixxiebhu." U l-aħħar waħda li daħlet qalet b'ton edukat, "Kemm għandu qalbu tajba r-raġel tiegħek! Stedinna niġu għat-te." (*par. 4*)

Jien tħawwadt. Għedt bejni u bejn ruħi, "Mhux is-soltu jinsa. Trid tipprepara biex tistieden in-nies id-dar." Ħassejt li għandi ndaħħalhom ġewwa. Ħadthom fis-salott u bdejna nitkellmu. Tkellimna fuq uliedi tewmin, Marta u Marija, u fuq ir-raħal tagħna. (*par. 5*)



Iżda tħawwadt aktar kif wasal żewġi. L-anzjani donnhom m'għarfuhx kif rawh. Jien ikkonfondejt. Ħsibt, "Kif jista' jkun li stedinhom hu!" (*par. 6)*

Kif fetaħ il-bieb Ġorġ deher mibluh jara dawk it-tliet nisa fis-salott. Ħaseb li Ġulja nsiet tgħidlu li kellhom il-mistednin jew riedet tagħtih sorpriża. Kelma ġġib 'l-oħra malajr intbaħna bl-iżball. Kienu ġew f'post ħażin. Xtaqu l-art tiblagħhom. Saru ħomor nar. Skużaw ruħhom u ħarġu. (*par. 7)*

Ħadt ir-ruħ li rġajt sibt il-paċi tal-Ħadd wara nofsinhar. *(par. 8)*

| *A. Issa wieġeb b'sentenzi sħaħ. Tagħmilx żbalji fil-kitba.* **(12-il marka)** |
|---|

1. Kif tqatta' l-ħin tal-mistrieħ nhar ta' Ħadd il-persuna li qed tgħid l-istorja?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Kemm jgħixu persuni f'din id-dar? _______________________

_______________________________________________

3. F'liema jum tal-ġimgħa din il-persuna qed tgħid l-istorja? __________

_______________________________________________

4. Għal xiex kienu mistednin dawk in-nisa? ____________________

_______________________________________________

5. Fuq xiex bdew jitkellmu n-nisa? _________________________

_______________________________________________

6. Agħti raġuni għaliex dawn in-nisa ġew f'din id-dar bi żball. _________

_______________________________________________

7. X'jismu r-raġel ta' Ġulja? ______________________________

_______________________________________________

8. Għaliex inħasdet Ġulja meta semgħet għalfejn kienu ġew l-anzjani?

_______________________________________________

_______________________________________________

9. Sib iż-żewġ espressjonijiet li juru li dawk in-nisa ġiethom il-mistħija.

(a) _________________________________________

(b) _________________________________________

10. Agħti raġuni waħda li turi li Ġulja kienet mara edukata?

_______________________________________________

11. Kif indunat li r-raġel żgur ma kienx stedinhom? _______________

_______________________________________________

## *B. Mir-rakkont sib kelma waħda li tfisser:* ***(8 marki)***

1. it-tfal tiegħi *(par. 1):* ______________________________
2. noqgħod nara sew *(par. 1):* ___________________________
3. xjuħ *(par. 3):* ______________________________________
4. nispera *(par. 4):* ___________________________________
5. żewġ ulied imwildin flimkien *(par. 5):* _________________
6. ir-raġel tiegħi *(par. 6):* _____________________________
7. imħawwad *(par. 7):* _________________________________
8. indunajna *(par. 7):* _________________________________



**Marta u Marija**

## *Ċ. Agħti tifsira ta' dawn il-frażijiet fi kliemek.* ***(10 marki)***

1. qalbi għamlet tikk *(par.2):*___________________________________________

   _______________________________________________________________

2. minn tagħna *(par.3):* _______________________________________________

   _______________________________________________________________

3. qalbu tajba *(par.4):* _______________________________________________

   _______________________________________________________________

4. bejni u bejn ruħi *(par.5):* ___________________________________________

   _______________________________________________________________

5. xtaqu l-art tiblagħhom *(par.6):* _______________________________________

   _______________________________________________________________

*D. Ifhem is-sens. Wara daħħal* ***nomi*** *biss fil-vojt.* ***(8 marki)***



Lulju huwa s-seba' _______________ tas-sena. L-iskejjel kollha jagħlqu għall- _______________ tas-sajf. Studenti u _______________ jieħdu l-mistrieħ tagħhom wara sena ta' _______________. Ħafna tfal imorru l-baħar mal- _________________ tagħhom. Oħrajn isiefru f' _________________ differenti bħall-Italja, l-Ingilterra jew _______________ . Kemm jieħdu _______________ sbieħ tal-postijiet li jkunu raw.

*E. Ibdel il-frażijiet fil-parentesi b'kelma waħda. L-ewwel waħda lesta.* ***(5 marki)***

Marija xtaqet tixtri rigal għal **ommha** **(omm tagħha)**. Daħħlet f' ______________ **(ir-ras tagħha)** li tixtri xi





deheb. Marret il-belt ma'______________ **(il-ħabiba tagħha)**.

F'ħanut tad-deheb ______________________ **(għoġbu lilhom)** ħafna mill-ġojjelli fl-armaturi. Lil sid il-ħanut ______________ **(staqsew lilu)** il-prezz ta' ċurkett bil-fossa ħadra u ġiżirana pariġġu. ______________ **(il-prezz tagħhom)** kien għoli wisq.

**F.** *Aqra s-sentenzi f'din is-silta. Wara daħħal kelma fil-**plural** fil-vojt biex tagħtiha sens.* ***(7 marki)***

Mawro ħabbat ma' wieħed mill- ____________ ***(bieb)*** tal-klinika. Id-dentist daħħlu ġewwa u kollu ħlewwa eżaminalu s- ____________ ***(sinna)*** u d-___________ ***(darsa).*** Sakemm id-dentist beda jiftaħ il- ____________ ***(kexxun)*** kollha, Mawro qagħad iħares lejn l- ____________ ***(stampa)*** fuq il-___________ ***(ħajt).*** Id-dentist qalagħlu żewġ ___________ ***(darsa).***



**Ġ.** *Ibdel in-numri fit-tabella fi **kliem.** Ara l-eżempju.* ***(5 marki)***

Il-karozzi tal-linja jkollhom **numri** mwaħħlin fuq quddiem u fuq wara. Dawn juruna fejn ikunu sejrin, jiġifieri d-destinazzjoni, u r-rotta minn fejn se jgħaddu.



| Lokal | Numru | Numru fi Kliem |
|---|---|---|
| Birżebbuġa | 11 | ħdax |
| Wied il-Għajn | 19 | ____________ |
| Marsaxlokk | 27 | ____________ |
| Iż-Żurrieq | 34 | ____________ |
| San Ġiljan | 62 | ____________ |
| Is-Siġġiewi | 89 | ____________ |

*G. Imla l-vojt kif hemm miktub fil-parentesi.* ***(10 marki)***



Din hija l-istorja ______________ Ġorġina. (agħżel minn **ta**, **taha**, **ta'**)

Ġorġina hija tifla ta' ______________ snin. (ikteb in-numru **7** fi kliem).

Toqgħod ______________ Msida (daħħal **l-artiklu** quddiem in-nom). Hi twieldet Għawdex għax il-ġenituri tagħha huma ______________ (nies minn **Għawdex**).

Tħobb tqatta' l-______________ (kelma oħra minflok **vaganzi**) tas-Sajf fil-flett li ______________ (kelma waħda minflok **in-nanna tagħha**) għandha Marsalforn.

Ġorġina hi tifla ______________ (aġġettiv minn **għaqal**) u tlaħħaq ______________ kollox. (agħżel minn **ma**, **m'**, **ma'**).

Għandha xagħarha isfar ______________ (kelma oħra li turi li hu **isfar ħafna**).

Il-passatempi tagħha huma l-qari, l-għawm u l-kompjuter.

Lil Ġorġina kulħadd iħobbha, għax tifla edukata, sinċiera u ______________ (**il-maqlub** ta' għażżiena).





*GĦ. Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:* **(20 marka)**

1. **Mort sal-Belt bil-karozza tal-linja biex tixtri ktieb. Kif kont se tirkeb il-karozza, indunajt li tlift il-basket li kien fih il-flus. Fit-triq ma kien hemm ħadd li tafu.**
   *Għid kif ħassejtek u x'għamilt biex irnexxielek tasal id-dar.*




2. **Waqt li kont qiegħed fuq l-Internet, qrajt aħbar kerha li xxukkjatek.** *Ikteb x'kienet din l-aħbar u għid x'effett kellha fuqek.*



3. **Fl-iskola ċċelebrajtu *Jum l-Annimali*.**
   *Għid x'għamiltu f'dan il-jum u għaliex huwa importanti li nuru rispett u mħabba lejn l-annimali.*



4. **Fi tmiem il-ġimgħa ommi qamet ma tiflaħx.** *Għid kif qattajt dawk il-jiem tgħin fid-dar.*



**5. Jum mal-kuġini fir-razzett u l-għalqa tan-nannu Toni.**

*Għid x'għamiltu. Din l-istampa tista' tgħinek.*



***Tmiem il-karta***